# L-ISKOP FIL-HAJJA

F'jum meta ix-xemx tkun tisreg fl-aqwa taghha, l-aktar lenti qawwija ma tista' qatt tqabbad karta irqieqa jekk inti timxi u ticcaqlaq. Imma jekk tieqaf u tiffoka fuq il-karta, din tiehu n-nar. Dik hu l-qawwa tal-koncentrazzjoni.



Ragel waqaf f'salib it-toroq  u staqsa xwejjah: "Fejn tohodni din it-triq?" U l-iehor wiegbu: " Skond fejn trid tmur? Ir-Ragel qallu: Ma nafx." Imbaghad ix-xwejjah wiegbu : " Hu triq liema trid. X' differenza ser tghamillek?"

*Meta ahna ma nafux fejn sejrin kull triq tghodd ghax x'imkien tasal.*

*Jekk ghandek hdax-il* player *tal-futboll kollha entuzjasti biex jilghabu, imma inti tnehhilhom il-lasti, kif ser ikunu jafu li waslu fil-post fejn iridu jiskorjaw. Il-lobgha ma tistax tintlaghab.*

*Minghajr direzzjoni ma naslu nkien. Ma jezisti ebda possibilta' jew tama jekk ma nkunux nafu fejn sejrin u fejn ser naslu. Zgur li inti ma titlax f'karozza tal-linja jekk inti ma tkunx taf fejn sejra.*

*Ahna ilkoll ghandna skop fil-hajja spiritwali. Li jum wiehed naslu fil-glorja tal-genna. Imma jekk dan l-iskop inwarrbuh ahna ma nkunx nafu fejn sejrin u nkunu qisna vapur jixxengel 'l hawn u 'l hemm fil-maltemp.*

*B'dan l-iskop tas-salvazzjoni quddiem ghajnejna zgur li nahdmu u nimxu fit-triq it-tajba li twassalna f'dik l-ghamara li hejjilna Kristu Gesu'*